**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 395/97

Stephen McCarthy

vs

Chairman Korporazzjoni Telemalta u Maltacom plc bhala successur tal-istess b' digriet tad-19 ta' Jannar 2000

Illum 25 ta' Mejju, 2001.

It-Tribunal,

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' l-1989 huwa sofra ingustizzja f'li

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:

Ir-rikorrent dahal jahdem bhala Administrative Officer accounts mat-Telemalta Corporation f'Novembru ta' l-1988. Fl-ewwel gurnata intbaghat fl-accounts department fejn fl-istess gurnata intbaghat l-Head office. Mill-Head office intbaghat l-Contracts Section ma' l-Kap tas-sezzjoni is-Sur Gerry Clarke.

Ir-rikorrent tpogga f'kamra fejn isir ix-xoghol ta' din is-sezzjoni u ghalkemm f'din l-istess kamra ir-rikorrent kellu l-oghla grad hu thalla jaghmel ix-xoghol tieghu minghajr skrivanija, minghajr siggu, minghajr stationery u minghajr l-affarijiet necessarji biex isir ix-xoghol. Barra minn hekk ir-rikorrent kien ikollu jaghmel ix-xoghol tieghu billi jpoggi ma' l-art, filwaqt li minflok xoghol ta' accounts kien jigi mqabbad jistejpilja u jaghmel il-fotokopji. Wara perjodu sostanzjali ta' zmien fejn ir-rikorrent baqa' jhabbat wiccu ma' l-istess problema, konsegwenza ta' din l-umiljazzjoni, ir-rikorrent kellu kontra qalbu jitlaq minn dan ix-xoghol. Ir-rikorrent isostni illi din l-ingustizzja saret mieghu minhabba l-fehmiet politici tieghu.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku anness li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u li jinghata rimedju

billi jigi ordnat illi jinghata kumpens ghad-danni li huwa sofra f'ammont li tiddeciedi din il-Qorti.

Ra l-lista ta' xhieda tar-rikorrent.

Ra r-risposta ta' l-intimat li eccepixxa:

1. Illi l-korporazzjoni Telemalta tichad li ghamlet xi ingustizzja b'rizultat ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita mar-rikorrenti.

2. Illi r-rikorrent ghandu jipprova l-allegazzjonijiet tieghu b'xhieda u provi ohra dwar il-fatti allegati minnu. Ir-rikorrenti jirrizerva li jwiegeb fid-dettal meta jkun edott ahjar mill-fatti ta' l-allegazzjonijiet maghmula mir-rikorrent.

3. Illi f'kull kaz l-allegazzjonijiet tar-rikorrent jidhru li huma ghal kollox infondati.

4. Ghaldaqstant il-korporazzjoni talbet illi dan it-Tribunal joghgbu jichad it-talba tar-rikorrent. Bl-ispejjez kontra tieghu.

Ra l-elenku tax-xhieda tal-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema’ l-abili difensuri.

Ikkunsidra

Illi r-rikorrent ipprezenta affidavit fejn ikkonferma l-fatti fuq imsemmija. Hu dahal mat-Telemalta wara li ra avviz fuq il-gazzetta ghal AO Accounts. Dahal jahdem fil-grad ta' AO Accounts. Kien ikkuntatjah certu David mill-personnel section u qallu jmur Mellix House Gwardamangia. Qallu biex jikkuntatja lill-Financial Control, s-Sur Edgar Borg. Edgar Borg wara qallu "jiddispjacini pero’ inti m’intix ghal hawn." Qallu jerga’ jmur il-personnel u hemmhekk jghidulu x'ghandu jaghmel. Mar lura u tkellem ma’ David Buttigieg. L-ghada certu Charlie Xuereb qallu biex imur il-contracts section. Kellem lil Jerry Clerk li kien il-head tal-contracts section. Huwa qallu li ghalissa kellu joqghod ihares biss u jinnota. Certu Albert Briffa qallu li sema lil Carl Ciarlo jitkellem ma’ Jerry Clerk u qallu ara t-Telemalta x'qed taghmel dahhlu laburist bhal dak.

Matul dan il-perjodu li dam it-Telemalta ghal madwar hames xhur kien minghajr ma tawh skrivanija, minghajr siggu, minghajr ma kellu biex jikteb, ghalkemm kellu grad gholi ta' AO accounts. Kull darba li kien isaqsi lil Jerry Clerk biex jaghtih xi xoghol kien jghidlu jmur isaqsi lil Paul Abala li kien jinfaqa jidhak u jghidlu x-xoghol li ghandu huwa jistejpilja l-conditions li kien ikun hemm mat-tenders u kien iqatta' granet shah jistejpilja.

Qabel it-Telemalta kien jahdem l-Inland Revenue. Wara tlett xhur kien ghajjatlu Salvu Portelli u qallu li kellhom laqgha mac-chairman fil-presenza ta' Jerry Clerk, Salvu Portelli, Tony Debono, hu u c-Chairman Scicluna. Ic-chairman kien infurmah li kien se jkollhom jitterminaw il-contract of employment tieghu ghaliex l-output tieghu ma kienx tajjeb. F'dak il-waqt qabez Salvu Portelli u qallu ma tistax tittermina ghaliex il-probation period skadiet. Ir-rikorrent informa lic-Chairman li wara tlett xhur kien ghadu ma nghatax skrivanija u xejn, u li qatt ma ntbghat fl-accounts section. Ic-Chairman irrabja u qal biex jibdew pagna gdida.

Wara l-laqgha mac-Chairman s-sitwazzjoni baqghet ezattament l-istess bhal qabel. Wara l-laqgha ta tlett gimghat cans izda meta ra li ma sar xejn, kontra qalbu, peress li ivvicinah Dr Heywood li kellhom bzonn xi teachers is-sixth form u ddecida li jmur hemmhekk. Ta il-letter of resegnation tieghu. Fil-hames xhur li dam mall-Maltacom ma ghamilx lanqas gurnata wahda bhala AO Accounts.

Meta mar is-sixth form wara l-Maltacom il-paga tieghu naqsitlu xi ftit - f'sena ghal madwar hames mija. Ghadu s-sixth form minn dak inhar sal-llum igifieri disa' snin. Minbarra teacher is-sixth form jaghmel ukoll xoghol ta' Financial Consultant. Over all jaqla' izjed minn meta kien mat-Telemalta, izda jbaghti aktar ukoll.

Semma li qabel ma kien mal-Inland Revenue u mal-Maltacom kien Liaison Officer u gie trasferit minn ma' Wistin Abela biex ikun

semplici assessur, u dan sar minhabba il-kulur polikitu tieghu u ghalhekk teleq minn hemmhekk.

Esebixxa prospett li juri kieku baqgha mal-Maltacom is-salarju tieghu bhala accountant kif kien jitla' u s-salarju li kien ha meta ma kienx mal-Maltacom ammontanti ghal LM3900.

Paul Abela li kien jahdem fil-Contract Section mal-Maltacom xehed li r-rikorrent kien gie assenjat fis-sezzjoni tieghu bhala gradwat. F'din is-sezzjoni ma kienx hemm xoghol ta' Accounts pur. Ikkonferma li r-rikorrent ma kellux skrivanija. Kien hemm mejda fin-nofs u gieli kien ipoggi fuq siggu hemmhekk. Jista' jkun li r-rikorrent inghata xoghol li jistapleja.

Salvu Portelli Senior Technical Executive mal-Maltacom xehed li l-ahhar li kien Shop Steward tal-Union kien ghall-habta tal-1988-1989. Lir-rikorrent ma setghax jiftakru u ma ftakarx meeting mieghu u mac-Chairman.

Gerald Clarke illum irtirat u precedentement Head tas-Supplies and Contracts mal-Maltacom xehed li jaf lir-rikorrent li kien assenjat fis-sezzjoni tieghu. Ma jafx f'liema grad kien ir-rikorrent. Ma jafx li r-rikorrent kien kwalifikat fl-Accounts. Ftakar li kien hemm Alfred Briffa fis-section mar-rikorrent li ftakar li kien kwalifikat. Lil Carl Ciarlo' jiftakru jahdem fl-Accounts section u l-ahhar li jafu kien fl-Ufficcju tal-Generali Manager. Semma li normalment kien jingieb desk mill-ewwel. Ma ftakarx jekk ir-rikorrent kellux desk.

Tommy Roberts rapprezentant tal-Maltacom xehed li "Bejn Novembru 1988 u Marzu 1989 ic-Chairman ta' dak iz-zmien kien is-sur John C. Scicluna. Is-Sur Scicluna dak iz-zmien ma kellux Executive powers kif ghandu ic-Chairman illum. Dak iz-zmien kien hemm il-General Manager is-Sur Tony Debono li kellu dawn l-Executive powers. Dan il-General Manager kien li kellu l-poteri tal-Kumpanija, dwar it-tmexxija tal-Korporazzjoni. Mid-dokumenti li hemm fil-files personali tar-rikorrent jindika illi r-rikorrent gie mpjegat fil-grad ta' ufficjal amministrattiv fit-3 ta' Novembru 1988…" Ipprezenta l-ittra ta' hatra, r-rakkomandazzjoni li r-rikorrent ikompli bl-appointment tieghu wara l-probation period.

Carl Ciarlo Principal Officer mal-Maltacom semma li bejn Novembru 1988 u Gunju 1989 kien jahdem fl-Accounts Department. Ftakar lis-Sur McCarthy u li kien jahdem il-contracts. L-Accounts section kienet Gwardamangia. Deherlu li r-rikorrent kien kwalifikat Accountant.

Joseph Mallia rapprezentant tal-Maltacom xehed li s-sezzjoni tal-kuntratti qatt ma kienet fil-Malox House. Sas-sena 1989 din is-sezzjoni kienet Spencer Hill, Marsa. F'Settembru 1989 sa Marzu 1999 din is-sezzjoni kienet giet f'San Gorg. F'Marzu 1999 rega giet trasferita Spencer Hill Marsa fejn sal-lum ghadha. Rigward is-sezzjoni ta' l-Accounts s-Sur Edgar Borg li dak iz-zmien kien il-kontrollur finanzjarju. Fi snin ta' bejn 1988 sas-sena 1998 liema

kienu s-sezzjonijiet li kienu joperaw gewwa Malox House u r-risposta tas-Sur Edgar Borg li llum jokkupa l-kariga ta' Direttur Finanzjarju kienet li l-Malox House kien hemm biss id-Dipartiment tal-Finanzi. Is-sezzjoni tal-kuntratti qatt ma kienet f'Malox House.

Ikkunsidra

Illi s-socjeta' intimata cahdet li ghamlet ingustizzja b'rizultat ta' xi distinzjoni, eskluzzjoni, jew preferenza indebita mar-rikorrenti. Issa peruna li jkollha kwalifiki bhal tar-rikorrent ghandha lanqas tinghata skrivanija u siggu fejn tahdem u dan ghal hames xhur. Kull min kien anke in parti responsabbli ghal din id-decizzjoni kien jaqbel ma' tali decizzjoni kieku din kienet ghal ibnu jew kien jipprotesta dwar l-ingustizzja! Fil-fehma tat-Tribunal f'dan is-seklu ma ghandhomx isiru affarijiet bhal dawn. Ukoll ir-rikorrent qatt ma gie assenjat xoghol specifiku. Huwa veru li kull tant ikun hemm certu spostamenti kif taqsam ix-xoghol u specjalment f'azjendi kbar ikun hemm aktar red tape. Izda hawn ma ghandiex kaz ta' ftit jiem. Ebda haddiem ma kien joqghod ghal dawn il-kundizzjonijiet b'mod li certament kien ifittex impieg alternattiv kif spicca ghamel ir-rikorrent u bil-konsegwenzi li graw. Ghal dawn il-motivi jichad l-ewwel eccezzjoni.

Dwar it-tieni eccezzjoni li r-rikorrent ghandu jipprova l-fatti indikati. Ir-rikorrent xehed dwar il-fatti u d-diversi impjegati tas-socjeta' intimata ma qalux li dan mhux minnu. L-unika modifika zghira li kien hemm hi li waqt li r-rikorrent qaghad jghid li kellu

jpoggi fuq xix isib, l-impjegati tas-socjeta' intimata sostnew li kien hemm mejda fin-nofs li kulhadd kien juzgha inkluz ir-rikorrent. Xorta wahda dan mhux sistema ta' kif impjegat ghandu jahdem. Ghalhekk jichad din l-eccezzjoni.

L-istess jinghad dwar it-tielet eccezzjoni li hija simili ghat-tieni eccezzjoni u cioe' li l-allegazzjonijiet huma infondati. Dak kollu li inghad fil-paragrafu precedenti hu applikabbli ghal dan u ghall-istess motivi jichad l-eccezzjoni.

Dwar l-ilment tar-rikorrent dan irrizulta gustifikat. Izda hu semma li gja tilef tlitt telef u disa' mitt lira sal 1998 u sal lum ghaxar telef lira. It-Tribunal ma jaqbilx ma' dawn l-ammonti. Ir-rikorrent ghazel li minflokk ma jibqa' jinsisti ghad-drittijiet tieghu li jfittex fortuni godda – gielu jigu ahjar u gieli ghar. Xorta wahda intitolat ghal kumpens.

Peress li ghalhekk isib l-ilment gustifikat, u peress li ma jistax f'dan il-kaz jordna rimedju kompensattiv, it-Tribunal jirrikmanda li jsir hlas ta' kumpens ta' elfejn lira [LM2000].

Spejjez kontra s-socjeta' intimata.